MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 25/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Alfred Gera de Petri bhala Ezekutur Testamentari ghal kull interess li jista jkollu**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 13 ta' Frar, 2003 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Had-Dingli tal-kejl ta' madwar 8,259 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Mario Galea Testaferrata u ohrajn, mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Dr. Carmelo Apap Bologna M.D. u ohrajn u mil-Lbic f'parti ma' proprjeta' ta' Rev. Paul Vassallo u f'parti ma' proprjeta' ta' Salvu Zammit huwa ta' erbghin elf

lira Maltin (Lm40,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tas-16 ta’ Dicembru 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-5 ta’ Marzu 2000 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ disa mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm920,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha l-provi;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Michelangelo Refalo u l-Perit AIC Jos. M Jaccarini, assenjati bhala periti membri fuq dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Il-Periti ikkonstataw li l-art fiz-zmien li nharget il-Proklama tal-President kienet in parti fabbrikkabli u in parti agrikola. Il-parti fabbrikabbli skond l-Ordinanza dwar l-akkwist t’Artijiet ghall-skopijiet pubblici kienet dik li ghandha faccata fuq it-Triq ezistenti u dan sa l-fond indikat fl-istess Ordinanza u l-kumplament ta’ l-art kienet tikkwalifika bhala art agrikola.

Il-valur ta' dina l-art gie ikkonsiderat fuq dak li kien fis-suq dakinhar tal-harga tal-Avviz ghat-trattazzjoni lill-intimati u cioe fit-13 ta' Frar, 2003. Dan il-valur gie stabbilit ghal dak il-parti fabbrikabbli fis-somma ta' erba u sebghin elf (Lm74,000.00) waqt li l-parti tal-art ikkonsiderata bhala agrikola fis-somma ta' tnejn u erbghin elf seba mija u hamsin lira ta' Malta (Lm42,750).

Illi ghalhekk l-ammont globi li skond il-membri teknici ghandu jinghata ghall-espropriju ta' din l-art huwa ta' Lm116,750.00 liema ammont fil-valuta maltija llum huwa ekwivalenti ghall Euro 271,954.34 (mitejn wiehed u sebghin elf disa mija erba u hamsin euro u erba u tletin centezmu);

Illi l-intimat ma kienx accetta il-kumpens offert fl-ammont ta' Lm40,000 u kien qed jistenna bhala kumpens s-somma ta' Lm920,000 skond l-istima maghmula mill-perit arkitett tieghu (ara fol. 50);

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut, l- bicca art f'Had-Dingli tal-kejl ta' madwar 8,259 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Mario Galea Testaferrata u ohrajn, mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Dr. Carmelo Apap Bologna M.D. u ohrajn u mil-Lbic f'parti ma' proprjeta' ta' Rev. Paul Vassallo u f'parti ma' proprjeta' ta' Salvu Zammit, liema art hija in parti fabbrikabbli u in parti agrikola bil-kumpens ta' Euro 271,954.34 (mitejn wiehed u sebghin elf disa mija erba u hamsin euro u erba u tletin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-28 ta' Novembru, 2008 fis-2.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharfa bil-

hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------